MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 212/2012

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
1. St. Patrick's Football Club,

2. Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci,

3. Francis u Pauline mizzewgin Catania, u

4. Alphonse Farrugia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:
1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 16 ta' Dicembru 1998 (Dok. 'A'), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil St. Patrick's Football Club.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` St. Patrick's Football Club fis-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€126,010.45) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' St. Patrick's Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Dicembru, 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Dicembru 1995 (Dok. "C"), il-konvenuti, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, iggarantew flimkien u "*in solidum*" ma' St. Patrick's Football Club, id-debiti ta' l-istess St. Patrick's Football Club, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00).

4. Illi permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Dicembru 1995 (Dok. "D"), il-konvenuti, Francis u Pauline mizzewgin Catania, iggarantew flimkien u "*in solidum*" ma' St. Patrick's Football Club, id-debiti ta' l-istess St. Patrick's Football Club, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00).

5. Illi permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Dicembru 1995 (Dok. "C") il-konvenut Alphonse Farrugia, iggarantixxa flimkien u "*in solidum*" ma' St. Patrick's Football Club, id-debiti ta' l-istess St. Patrick's Football Club, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00).

6. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija (u ezebiti mar-rikors guramentat bhala Dokument 'A', 'C', 'D', u 'E') partikolarment imma mhux esklussivament, billi St. Patrick's Football Club, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, Francis u Pauline mizzewgin Catania u Alphonse Farrugia,

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess St. Patrick's Football Club, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, Francis u Pauline mizzewgin Catania u Alphonse Farrugia, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici;

7. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

8. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati 26 ta' Jannar, 2011 li kopji taghhom gew esebiti mar-rikors guramentat u immarkati Dok. "F", "G", "H" u "I" sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija (u esebiti mar-rikors guramentat bhala Dokument "A", "C", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi St. Patrick's Football Club, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, Francis u Pauline mizzewgin Catania u Alphonse Farrugia, (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess St. Patrick's Football Club, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, Francis u Pauline mizzewgin Catania u Alphonse Farrugia, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici;

2. Tikkundanna lil St. Patrick's Football Club ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€126,101.45 u korretta ghal €126,010.45 b'digriet tad-9 ta' Mejju, 2012) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-

socjeta` St. Patrick's Football Club (Dok. "B1 sa B6"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lil Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci jhallsu flimkien u *in solidum* ma' St. Patrick's Football Club, lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta` St. Patrick's Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."B1 sa B6"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

4. Tikkundanna lil Francis u Pauline mizzewgin Catania jhallsu flimkien u *in solidum* ma' St. Patrick's Football Club, lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta` St. Patrick's Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B6"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

5. Tikkundanna lil Alphonse Farrugia jhallas flimkien u *in solidum* ma' St. Patrick's Football Club, lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta` St. Patrick's Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B6"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 26 ta' Jannar 2011 kontra l-intimati li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li fit-2 ta' Mejju, 2012 Dr. Grech ghall-intimati kollha ipprezenta nota ta' ammissjoni.

Rat ukoll li fil-31 ta' Mejju, 2012 giet prezentata nota ta' l-intimati:
"Li permezz taghha qed jaghtu ruhhom b'notifikati bir-rikors guramentat kif korrett u jergghu jtennu li qed jammettu t-talba migjuba fil-konfront taghhom."

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi fuq ammissjoni l-Qorti ssib it-talbiet attrici gustifikati u tilqaghhom, u tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi St. Patrick's Football Club, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, Francis u Pauline mizzewgin Catania u Alphonse Farrugia, (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess St. Patrick's Football Club, Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci, Francis u Pauline mizzewgin Catania u Alphonse Farrugia, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil St. Patrick's Football Club ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €126,010.45 (skond kif korrett bid-digriet tad-9 ta' Mejju, 2012) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta` St. Patrick's Football Club, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Dicembru, 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Tikkundanna lil Emanuel u Lorenza mizzewgin Gauci jhallsu flimkien u *in solidum* ma' St. Patrick's Football Club, lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €11,647.00, bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta` St. Patrick's Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Tikkundanna lil Francis u Pauline mizzewgin Catania jhallsu flimkien u *in solidum* ma’ St. Patrick’s Football Club, lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €11,647.00, bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-“*Loan Account*” tas-socjeta` St. Patrick’s Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Tikkundanna lil Alphonse Farrugia jhallas flimkien u *in solidum* ma’ St. Patrick’s Football Club, lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €11,647.00, bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-“*Loan Account*” tas-socjeta` St. Patrick’s Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 26 ta’ Jannar, 2011 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------